MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Numru. 62/2008

IL-PULIZIJA

(Spettur Anthony Portelli)

vs

Christopher Micallef
Joseph Bugeja
Paul Abela

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati, Paul Abela ta’ 51 sena, iben Carmel u Helen nee’ Agius, imwieled ir-Rabat (Malta) nhar il-11 ta’ Frar 1956 u residenti ‘Yvonne’, Triq il-Ghajn, Had-Dingli u detentur tal-karta tal-identita’ numru 113056(M) u l-imputat Joseph Bugeja ta’ 37 sena, iben Francis u Anna

nee’ Agius, imwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Awwissu 1970 u residenti no.39, Triq Doni, Rabat (Malta) u detentur tal-karta tal-identita’ numru 418770 (M) u l-imputat Christopher Micallef ta’ 41 sena, iben Paul u Mary nee’ Micallef, imwieled Pieta’ nhar is-7 ta’ Jannar 1967 u residenti ‘Santa Marija’ Triq il-Manikata, Manikata u detentur tal-karta tal-identita’ numru 35767 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

Gewwa Pembroke matul il-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Jannar, 2008 ikkommettew serq ta’ debba u hmara minn go farm sitwat fi Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke ghad-detriment ta’ Naima Aber mis-Swieqi u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-‘mezz’, bil-‘hin’, ‘bix-xorta tal-haga misruqa’ u bil-‘valur’ li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro ;

Fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi 11.65 euro izda inqas minn 116.47 euro, u dan ghad-dannu ta’ l-imsemmija Naima Aber u/jew persuni ohra ;

Fl-ahharnett lil Paul Abela u Christopher Micallef wahidhom talli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2008 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Joseph Bugeja kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-19 ta’ Mejju 2010 u tal-imputat Christopher Micallef kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-07 ta’ Lulju 2010 u ta’ l-imputat Paul

Abela kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-01 ta’ Dicembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Joseph Bugeja l-Qorti kkunsidrat il-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li huwa hallas lura lill-vittma tal-hsarat lilu kagunati u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputati Paul Abela u Christopher Micallef il-Qorti kkunsidrat il-fatt li huma kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li huma ammettew fi stadju pjuttost bikri tal-proceduri izda l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li huma t-tnejn recidivi u li ghalkemm inghataw l-opportunita’ sabiex jirriformaw ruhhom huma naqsu milli jaghmlu dan u l-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun aktar opportuna. In vista tal-fatt li t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza l-Qorti sejra tapplika l-Artikolu 17(h) fil-konfronti tal-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 17, 31, 49, 50 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputati Paul Abela u Christopher Micallef hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannahom seba' (7) xhur prigunerija kull wiehed.

Wara li rat Artikoli 261(b), (c),(f) u (g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 17, 31, u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Bugeja hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jkkommettiex reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------